Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 19/2013AE

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Angelo Cutajar, u l-istess Angelo Cutajar**

**vs**

**Priscilla Paris**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016

Fid-19 ta' Settembru 2012 ir-rikorrenti bdew proceduri quddiem it-Tribunal ta' l-Arbitragg dwar incident awtomobilistiku li sehh fil-25 t'Awissu 2011 gewwa s-Saqqajja, Rabat, Malta, bejn il-vettura Toyota bin-numru ta' registrazzjoni ABV 078 proprjeta' tar-rikorrent Angelo Cutajar u l-vettura Renault bin-numru ta' registrazzjoni PMP 234 misjuqa mill-intimata. Il-kumpens mitlub mir-rikorrenti kien f'ammont totali ta' elf hames mija u wiehed u ghoxrin Ewro u erbgha u tletin centezmu €1,521.34) stante li fil-fehma taghhom dan l-incident sehh unikament tort tal-intimata li agixxiet b'negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

L-intimata cahdet kwalunkwe responsabbilita' ghal dan l-incident u attribwiet il-htija unikament lir-rikorrent Angelo Cutajar.

Fil-lodo arbitrali datat 2 t' Gunju 2013, l-arbitru ddecieda *"li l-kawza prossima tal-incident kienet il-verifika difettuza, jigifieri nuqqas ta' "proper look-out" da parti ta' Angelo Cutajar. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda. Spejjez ghar-rikorrenti."* L-arbitru wasal ghal din il-konkluzjoni wara li ghamel is-segwenti konstatazzjonijiet u osservazzjonijiet:

i. It-Toyota tar-rikorrent Cutajar kienet gejja mit-triq li mis-Siggiewi tiehu lejn il-bidu tat-telgha tas-Saqqajja (maghrufa bhala t-Triq tat-Tigrija) u riedet taqsam it-triq Attard/Saqqajja u tmur dritt fit-triq faccata direzzjoni lejn il-Mosta. Ir-Renault tal-intimata kienet gejja minn taht l-Imdina mid-direzzjoni tal-Mosta u x'hin tasal fit-triq Attard/Saqqajja riedet iddur lejn il-lemin taghha biex titla' t-telgha tas-Saqqajja;

ii. Iz-zewg sewwieqa kellhom quddiemhom vizwali twila u xxamplata kif osserva l-arbitru stess wara access fuq is-sit tal-incident;

iii. L-intimata kien imissha avvanzat aktar fid-dritt qabel kisret lejn il-lemin u missha ghamlet dan bla ma tmiss anke parzjament is-"centrestrip" impingija fil-karregjata. Dan in-nuqqas pero' mhux necessarjament iwassal ghall-htija taghha. Hi waqfet, rat il-vettura tar-rikorrent Cutajar fil-faccata wieqfa u bdiet tikser lejn is-Saqqajja meta giet fuqha l-vettura tieghu;

iv. Ir-rikorrent minn naha tieghu qal li waqaf f'tarf it-telgha, hares 'il fuq (Saqqajja) u 'l isfel (H'Attard) u ma rax vetturi u saq u sab lir-Renault tal-intimata ma' wiccu. L-arbitru qies li Cutajar ghamel biss verifika parzjali tat-triq meta huwa hares biss 'il fuq u 'l isfel u njora l-faccata lejn fejn kien sejjer. Kien dan in-nuqqas il-kawza prossima tal-incident.

Iz-zewg rikorrenti hassewhom aggravati bid-decizjoni tal-arbitru u ntavolaw appell mill-apprezzament tal-provi. L-intimata wiegbet li l-aggravji mressqa kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. Il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet orali u l-kaz gie differit ghas-sentenza.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-aggravju tal-appellanti.**

Il-parti preliminari tad-decizjoni tal-arbitru taqra hekk:

*"1. Dan l-arbitragg jirrigwarda habta bejn zewg vetturi li grat qabel titla' t-telgha tas-Saqqajja, fil-25/08/11 xi l-4.15 p.m. Kienu nvoluti Toyota nru ABV 078 misjuqa minn Angelo Cutajar u Renault Clio nru. PMP 234 misjuqa minn Priscilla Paris. It-Toyota kienet gejja mit-triq li mis-Siggiewi tiehu lejn il-bidu tat-telgha tas-Saqqajja (maghrufa bhala t-Triq tat-Tigrija) u riedet taqsam it-triq Attard/Saqqajja u tmur fid-dritt lejn taht l-Imdina. Ir-Renault kienet gejja minn taht l-Imdina u x'hin tasal fit-triq Attard/Saqajja ddur lejn il-lemin biex titla' t-telgha tas-Saqqajja".*

Fir-rigward tad-dinamika tal-incident, il-provi kienu jikkonsistu fil-verzjoni tax-xufiera u r-rapport tal-warden.

L-appellanti jilmentaw li l-arbitru strah unikament fuq il-fatt li meta l-appellant Cutajar gie biex johrog minn fuq l-iStop Sign ivverifika biss jekk kinux ghaddejjin vetturi fiz-zewg karreggati tat-triq principali pero' ma tax il-piz misthoqq lil diversi aspetti ohra li kienu jimpingu fuq id-dinamika tal-incident u r-responsabbilta' tal-appellata. Huma jargumentaw illi fil-hin tal-incident l-appellata qatghet ghad-dritt lejn il-lemin taghha u kienet qeghda ssuq fuq in-naha l-hazina tat-triq tant li hija nvadiet il-karregjata tal-appellant u holqitlu ostaklu inaspettat. Jghidu wkoll li Cutajar kien lahaq qasam it-triq principali kollha u kien ippozizzjonat dritt biex jidhol ghat-triq sekondarja fuq in-naha tieghu tat-triq meta sehh l-impatt. L-appellanti jsostnu wkoll li l-verzjoni tal-appellata m'ghandhiex mis-sewwa.

Fid-decizjoni, l-Arbitru qal:

*"8. Qabel kitem il-konkluzjonijiet, is-sottoskritt mar fuq il-post tal-incident ha jivverifika l-lokalita' avvolja lill-post jafu sewwa. Hu saq fuq ir-rotta li kellhom iz-zewg sewwieqa u kkonferma li dawn kellhom vizwali tajba sew it-tnejn. Ghalkemm ikunu gejjien minn telgha meta jitilghu fuq, il-vizwali fuq quddiemhom kienet twila u xxamplata ghat-tnejn.*

*9. Mrs Pace ovvjament messha avanzat aktar fid-dritt qabel kisret lejn il-lemin u messha ghamlet dan bla ma tmiss, anqas in parte is-centrestrip impingija fil-karreggata. Imma dan mhux bilfors iwassal univokament ghall-htija. Hi waqfet, rat lit-Toyota fil-faccata wieqfa u bdiet tikser lejn is-Saqqajja meta giet fuq t-Toyota.*

*10. Meta nigu ghal Angelo Cutajar dan qal li waqaf f'tarf it-telgha, hares 'l fuq (Saqqajja) u l-isfel (H'Attard) u ma rax vetturi u saq u sab lir-Renault ma' wiccu. Ghalih donna t-Toyota ma kinitx fit-triq. Hawn issir riferenza ghad-domanda diretta li s-sottoskritt hass li kellu jaghmel u ghat-twegiba moghtija. Dawn huma hekk:*

*Domanda tal-Arbitru: Ghaliex, meta kellek veduta wiesgha u twila quddiemek ma rajt lill-vettura l-ohra hlief, fil-habta, kif xehedet issa stess ?*

*Risposta: Jien kulma ghamilt harist 'l fuq u 'l isfel u rajt mhux gejjin karozzi u kif hrigt insib lill-vettura l-ohra f'wicci u zammejt il-brake.*

*11. Minn dan jitnissel car u tond li Angelo Cutajar, qabel qala' ghamel biss verifika parzjali:*

*Hares 'l fuq u 'l isfel u njora l-faccata lejn fejn kien sejjer. Kien dan in-nuqqas **il-kawza prossima** tal-incident.*

*Decizjoni.*

*Is-sottoskritt jiddeciedi li l-kawza prossima tal-incident kienet il-verifika difettuza, igifieri nuqqas ta' proper look out da parti ta' Angelo Cutajar. Ghalhekk it-talba tar-Rikorrenti ghandha tigi michuda. Spejjez ghar-Rikorrenti".*

Qabel ma hareg minn fuq l-iStop Sign minn faccata l-appellant qal li llimita l-verifika tieghu biss ghat-traffiku li kien tiela' u niezel t-telgha tas-Saqqajja; *"Jien kulma ghamilt harist 'l fuq u 'l isfel u rajt li mhux gejjin karozzi u kif hrigt insib il-vettura l-ohra f' wicci"*. Meta xehed quddiem l-Arbitru qal: ***"Il-car l-ohra rajtha mal-habta"***. Bla dubju kienet ferm flokha d-domanda li ghamel l-Arbitru meta staqsa lill-appellant kif ma rax il-vettura tal-appellata meta kellu veduta wiesa' u twila ? Meta wiegeb li *"... kulma ghamilt harist 'l fuq u 'l isfel u rajt mhux gejjin karozzi u kif hrigt issib lill-vettura l-ohra f'wicci u zammejt il-brake"*, kien qieghed jammetti li naqas milli jara dak li kien hemm faccata tieghu. Kien ghalhekk gustifikat l-Arbitru

meta kkonkluda li *"Kien dan in-nuqqas il-kawza prossima tal-incident"*. F'dan ir-rigward issir iktar kredibbli l-verzjoni tal-appellata li fir-rapport tal-warden jinghad li qalet: *"…. Dak il-hin lil ABV 078 rajtu wieqaf f'Triq it-Tigrija u hrigt u kif ezat bdejt ha nitla' lejn ir-Rabat hu qala' u jien waqaft u baqa gej ghal fuqi* ***u bid-daqqa ressaqni lura****"*. Verzjoni li rrepetiet quddiem l-Arbitru.

L-appellanti jitfghu t-tort fuq l-appellata ghaliex *"…. kienet qeghda ssuq il-vettura taghha fuq in-naha hazina tat-triq"*. 'Il fatt li l-vettura tal-appellata kienet parti minnha fuq centrestrip ma jfissirx li l-incident gara tort taghha. Il-kawza prossima tal-incident kienet li l-appellant naqas milli jara dak li kien *in plain view*.

L-appellanti qalu wkoll li qabel Cutajar beda jaqsam it-triq, ivverifika li t-triq principali kienet libera. Hu minnu li meta sehh l-incident l-appellant qasam il-parti kbira tat-triq principali, pero' mill-provi hu evidenti li l-habta saret ghaliex hu ma rax il-vettura tal-appellata u baqa' diehel fiha. Meta qal li ra l-vettura l-ohra mal-habta, jista' jfisser biss li ma rax dak li kien hemm quddiemu. Ghalhekk ma kienx qieghed izomm *a proper lookout*.

L-appellant qal ukoll li l-appellata nvadiet il-karreggata tieghu. Mill-iskizz hu evidenti li l-appellat kellu bizzejjed spazju biex ighaddi ma' gemb il-vettura tal-appellata u jibqa' ghaddej fi triqtu. Pero' peress li ma rax il-vettura tal-appellata, habat go fiha. Inoltre ghalkemm l-appellanti argumentaw li l-appellata baqghet issuq sakemm sehh l-impatt, dan 'il fatt ma jirrizultax mill-provi.

Il-qorti taqbel perfettament mal-apprezzament tal-provi li ghamel l-Arbitru u m'ghandha l-ebda dubju li l-incident sehh kawza tan-nuqqas tal-appellant.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

**Anthony Ellul**